MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Numru 635/2000

Il-Pulizija
(Sp Walter Spiteri)
vs
Anthony Bonanno, iben Joseph,
imwieled Pieta' fit-12 ta'
ottubru, 1971

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli b'xi mod li jkun, xjentement
għen jew assista, jew xewwex lil Roderick Schembri miż-Żurrieq, inkella saħħaħ
il-volonta' tiegħu sabiex –
1. fid-9 ta' settembru, 2000 għal ħabta tal-11.00 p.m. ġewwa ż-Żurrieq, jikkometti serq ta' arma tan-nar (senter) tal-għamla Browning bin-numru 72402 liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna, bil-lok u bil-ħin għad-dannu ta' Anthony Schembri miż-Żurrieq;

2. talli fid-9 ta’ settembru, 2000 għal ħabta tal-11.30 p.m. ġewwa l-Wardija limiti taż-Żurrieq, bil-ħsieb li jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, jew iġib disordni f’moħħ diversi persuni, wera dan il-ħsieb b’atti esterni billi spara diversi tiri ta’ arma tan-nar (senter) fid-direzzjoni tal-istess persuni, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu u ġarr arma tan-nar u munizzjon barra minn xi fond jew f’post li jagħmel miegħu, mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi fil-ħin li għamel delitt kontra diversi persuni, kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi spara arma tan-nar wara nzul ix-xemx;
6. talli wiegħed lil Roderick Schembri li wara il-fatt jassisstih, jieqaf miegħu jew jikkompensah fil-konfront tas-segwenti delitti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, fil-każ ta’ ħtija ta’ l-imputat, tordna l-iskwalifika ta’ liċenzji jew li jottjeni liċenzji għall-perjodu li jidhrilha xieraq.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, jekk jidrilja xieraq, biex tipprovdi għas-siġurta’
tal-persuna ta’ ħaddieħor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien ma piena, jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, trobot lil Anthony Bonanno b’obbligazzjoni tiegħu nniffsu taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi ffissata
mill-Qorti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, meta tagħti s-sentenza jew f’kull ordni ieħor wara, tikkundanna lill-ħati għal ħlas lir-Reġistratur, ta’ l-ispejjeż kollha jew ta’ parti
mill-ispejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri f’dak
iż-żmien u f’dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta’ marzu, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat

u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
(a) fl-artikoli 42(a)(b)(ċ)(d)(e), 43, 44, 45, 46, 261(ċ)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270, 279(2), 280, 281, 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 20, 22, 23, 30, 382 u 533
tal-Kodiċi Kriminali; u
(b) fl-artikoli 3(1), 9, 19, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' frar, 2003 fejn il-partijiet qablu li ma hemm ebda ksur tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi li għandhom x'jaqsmu mal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-ewwel u tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 42(a)(b)(d)(e), 43, 44, 45, 46, 261(ċ)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270 u 280 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-iskwalifika ta' ebda liċenzja, tipprovdi għas-sigurta' ta' ebda persuna u mhemmx lok għal ħlas ta' spejjeż.

---------------------------------TMIEM---------------------------------